

Brussell, 14 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0227 (COD)**

**10167/18
ADD 1**

TELECOM 189	CYBER 141
AUDIO 52	JAI 649
CULT 79	DIGIT 133
EDUC 260	DATAPROTECT 131
COMPET 457	DAPIX 194
RECH 293	FREMP 107
IND 170	RELEX 559
MI 472	CADREFIN 110
ESPACE 31	CODEC 1075

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Ġunju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 434 final ANNEXES 1 to 3
Suġġett:	ANNESI tal- PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuz id-dokument COM(2018) 434 final ANNEXES 1 to 3.

Mehmuz: COM(2018) 434 final ANNEXES 1 to 3



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2018
COM(2018) 434 final

ANNEXES 1 to 3

ANNESSI

tal-

PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL- KUNSILL

li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027

{SEC(2018) 289 final} - {SWD(2018) 305 final} - {SWD(2018) 306 final}

ANNES 1

L-ATTIVITAJIET

Deskrizzjoni teknika tal-programm: l-ambitu tal-attivitajiet

Attivitajiet inizjali tal-Programm għandhom jiġu implimentati skont id-deskrizzjoni teknika li ġejja:

Objettiv Speċifiku 1. Il-computing ta' prestazzjoni għolja (HPC)

Il-programm għandu jimplimenta l-istrateġija Ewropea dwar l-HPC bl-appoġġ ta' ekosistema sħiħa tal-UE li ttiprovdi l-HPC u l-kapaċitajiet tad-*data* meħtieġa għall-Ewropa biex tikkompeti globalment. L-istrateġija għandha l-għan li tiskjera HPC u infrastruttura tad-*data* ta' klassi mondjali b'kapaċitajiet fuq skala eka sal-2022/2023, u faċilitajiet fuq skala posteksa sal-2026/27, li jagħnu lill-Unjoni bi provvista ta' teknoloġija tal-HPC indipendenti u kompetittiva tagħha stess, biex tilħaq l-eċċellenza fl-applikazzjonijiet tal-HPC u twessa' d-disponibbiltà u l-użu tal-HPC.

L-attivitajiet inizjali għandhom jinkludu:

1. Qafas ta' akkwist konġunt għal netwerk integrat tal-HPC ta' klassi mondjali inkluż supercomputing ta' skala eka u infrastruttura tad-*data*. Dan se jkun aċċessibbli fuq bażi mhux ekonomika għall-utenti pubbliċi u privati u għal skopijiet ta' riċerka ffinanzjata pubblikament.
2. Qafas ta' akkwist konġunt ta' infrastruttura tas-supercomputing ta' skala posteksa, inkluża l-integrazzjoni ma' teknoloġiji ta' quantum computing.
3. Koordinazzjoni fuq il-livell tal-UE u riżorsi finanzjarji xierqa biex jappoġġaw l-iżvilupp, l-akkwist u t-tħaddim ta' din l-infrastruttura.
4. Netwerking tal-HPC ta' Stat Membru u kapaċitajiet ta' *data* u appoġġ għal Stati Membri li jkun jixtiequ jaġġornaw jew jakkwistaw kapaċitajiet ġodda tal-HPC.
5. Netwerking taċ-Ċentri ta' Kompetenza tal-HPC, wieħed għal kull Stat Membru, u assoċjati maċ-ċentri nazzjonali tas-supercomputing tagħhom biex jipprovdu servizzi ta' HPC lill-industrija (b'mod partikolari lill-SMEs), il-korpi akkademiċi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi.
6. L-iskjerament ta' teknoloġija lesta biex tintuża/operattiva: supercomputing bħala servizz li jirriżulta mill-R&I biex tinbena ekosistema tal-HPC Ewropea integrata, li tkopri s-segmenti tal-katina tal-valur xjentifiku u industrijali kollha (hardwer, softwer, applikazzjonijiet, servizzi, interkonnessjonijiet u ħiliet diġitali avvanzati).

Objettiv Speċifiku 2. L-intelliġenza artifiċjali

Il-Programm għandu jibni u jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali ewlenin fl-Ewropa, inkluż ir-riżorsi tad-*data* u r-repożitorji ta' algoritmi filwaqt li jsiru aċċessibbli min-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi kollha kif ukoll ir-rinforz u n-netwerking ta' faċilitajiet eżistenti tal-ittestjar u tal-isperimentazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fl-Istati Membri.

L-attivitajiet inizjali għandhom jinkludu:

1. Il-ħolqien ta' spazji tad-data komuni Ewropej li jaggregaw l-informazzjoni pubblika fl-Ewropa kollha u jsiru sors ta' input tad-*data* għal soluzzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali. L-ispażji jkunu miftuħa wkoll għas-settur pubbliku u għal dak privat. Għal aktar użu, id-*data* fi ħdan spazju jenħtieġ li ssir interoperabbli kemm jista' jkun, kemm fl-interazzjonijiet bejn is-setturi pubbliċi u privati, kif ukoll fi ħdan is-setturi u bejn is-setturi (l-interoperabbiltà semantika).
2. L-iżvilupp ta' libreriji komuni Ewropej ta' algoritmi li jkunu aċċessibbli għal kulħadd. Il-kumpaniji u s-settur pubbliku jkunu jistgħu jidentifikaw u jakkwistaw dik is-soluzzjoni li taħdem l-aħjar għall-bżonnijiet tagħhom.
3. Il-koinvestment mal-Istati Membri f'siti ta' referenza ta' klassi mondjali għall-esperimentazzjoni u l-ittestjar f'ambjent reali li jiffoka fuq l-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali f'setturi essenzjali bħas-saħħa, il-monitoraġġ tad-dinja/tal-ambjent, il-mobbiltà, is-sigurtà, il-manifattura jew il-finanzi, kif ukoll f'oqsma oħra ta' interess pubbliku. Is-siti jenħtieġ li jkunu miftuħa għall-atturi kollha fl-Ewropa kollha u konnessi man-Netwerk ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali. Dawn jentieġ li jiġu attrezzati b'faċilitajiet kbar ta' computing u li jipproċessaw id-*data* kif ukoll bl-aħħar teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali bħall-computing newromorfiku, l-apprendiment profund u r-robotika.

Objettiv Speċifiku 3. Iċ-ċibersigurtà u l-fiduċja

Il-programm għandu jstimula l-bini ta' kapaċitajiet essenzjali biex jiġu żgurati l-ekonomija diġitali, is-soċjetà u d-demokrazija tal-UE permezz tat-tisħiħ tal-potenzjal industrijali taċ-ċibersigurtà u l-kompetittività tal-UE, kif ukoll bit-titjib tal-kapaċitajiet kemm tas-settur privati kif ukoll tas-settur pubbliku biex jiġu protetti ċ-ċittadini u n-negozji Ewropej mit-theddidiet ċibernetiċi, inkluż l-appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Infomazzjoni.

L-attivitajiet inizjali, taħt dan l-objettiv, għandhom jinkludu:

1. Il-koinvestment mal-Istati Membri f'tagħmir avvanzat taċ-ċibersigurtà, infrastrutturi u l-know-how li huma essenzjali għall-ħarsien tal-infrastrutturi kritiċi u d-DSM iġenerali. Dan jista' jinkludi investimenti f'faċilitajiet quantum u riżorsi tad-*data* għas-ċibersigurtà, l-għarfien tas-sitwazzjoni fiċ-ċiberspazju kif ukoll għodod oħra li jridu jkunu disponibbli għas-settur pubbliku u dak privat fl-Ewropa.
2. Il-ħolqien tal-kapaċitajiet teknoloġiċi eżistenti u n-netwerking ta' ċentri ta' kompetenza fl-Istati Membri u jiġi żgurat li dawn il-kapaċitajiet jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-settur pubbliku u tal-industrija, inkluż f'dak li jirrigwarda l-prodotti u s-servizzi li jsaħħu ċ-ċibersigurtà u l-fiduċja fi ħdan id-DSM.
3. Jiġi żgurat l-iskjerament wiesa' taċ-ċibersigurtà u soluzzjonijiet ta' fiduċja fost l-Istati Membri. Dan jinkludi l-iżgurar tas-sigurtà u s-sikurezza permezz tad-disinn tal-prodotti.
4. Appoġġ biex jingħalaq id-distakk fil-ħiliet taċ-ċibersigurtà billi, pereżempju, jiġu allinjati l-programmi tal-ħiliet tas-sigurtà ċibersigurtà, jiġu adattati għall-ħtiġijiet settorjali speċifiċi u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat immirat.

Objettiv Speċifiku 4. Il-Ħiliet Diġitali Avanzati

Il-Programm għandu jappoġġa aċċess faċli għall-ħiliet diġitali avanzati, b'mod partikolari, fil-HPC, fl-intelliġenza artifiċjali, ir-reġistru distribwiti, (eż. blockchain) u ċ-ċibersigurtà għall-forza tax-xogħol attwali u futuri, billi l-istudenti, il-gradwati reċenti, u l-ħaddiema eżistenti, ikunu fejn ikunu, jiġu offruti l-mezzi biex jakkwistaw u jiżviluppaw dawn il-ħiliet.

L-attivitajiet inizjali għandhom jinkludu:

1. Aċċess għal taħriġ fuq il-post tax-xogħol bil-parteċipazzjoni f'apprendistati f'ċentri tal-kompetenzi u f'kumpaniji li qed jiskjeraw teknoloġiji avanzati.
2. Aċċess għal korsijiet f'teknoloġiji diġitali avanzati li se jiġu offruti mill-universitajiet b'kooperazzjoni mal-korpi involuti fil-Programm (is-suġġetti ser jinkludu l-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċibersigurtà, ir-reġistri distribwiti (eż. blockchain), il-HPC u t-teknoloġiji quantum).
3. Parteċipazzjoni f'korsijiet ta' taħriġ professjonali speċjalizzat, għal terminu qasir li ġew preċertifikati, pereżempju fil-qasam taċ-ċibersigurtà.

L-interventi għandhom jiffokaw fuq ħiliet diġitali ta' livell għoli relatati ma' teknoloġiji speċifiċi.

L-interventi kollha se jtfasslu u jiġu implimentati primarjament permezz tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali, kif definit fl-Artikolu 15.

Objettiv Speċifiku 5. L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċità diġitali u l-interoperabilità

I. L-attivitajiet inizjali relatati mat-trasformazzjoni diġitali ta' oqsma ta' interess pubbliku għandhom jinkludu:

Proġetti li jservu ta' skjerament, l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali jew tal-interoperabilità għandhom jikkostitwixxu proġetti ta' interess komuni.

1. L-immodernizzar tal-amministrazzjoni:

- 1.1. Appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Tallinn dwar il-Gvern Elettroniku fl-oqsma kollha tal-politika, billi jinħolqu, fejn meħtieġ, ir-reġistri meħtieġa u l-interkonnessjoni tagħhom b'rispett sħiħ tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.
- 1.2. Appoġġ għat-tfassil, il-pilotaġġ, l-iskjerament, il-manutenzjoni u l-promozzjoni ta' ekosistema koerenti tal-infrastruttura tas-servizzi diġitali transfruntiera u jiġu ffaċilitati soluzzjonijiet u oqsfa komuni fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika li huma mingħajr xkiel minn tarf sa tarf, siguri, interoperabbli, multilingwali, interoperabbli transfruntiera jew transsettorjali. Għandhom jiġu inklużi wkoll metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-impatt u l-benefiċċji.
- 1.3. Appoġġ għall-valutazzjoni, l-aġġornament u l-promozzjoni ta' speċifikazzjonijiet u standards komuni eżistenti kif ukoll l-iżvilupp, l-istabbiliment u l-promozzjoni ta' speċifikazzjonijiet ġodda komuni u speċifikazzjonijiet u standards miftuħa permezz tal-pjattaformi ta' standardizzazzjoni tal-Unjoni u b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej jew internazzjonali kif xieraq.
- 1.4. Kooperazzjoni lejn ekosistema Ewropea għal infrastrutturi affidabbli bl-użu ta' servizzi ta' reġistri distribwiti (eż. blockchain) u applikazzjonijiet li jinkludu l-

appoġġ għal interoperabbiltà u standardizzazzjoni u li jrawmu l-iskjerament ta' applikazzjonijiet transfruntiera tal-UE.

2. *Is-saħħa*¹

- 2.1. Jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jaċċessaw, jikkondividu, jużaw u jiġġestixxu d-data personali tas-saħħa tagħhom b'mod sigur bejn il-fruntieri, irrispettivament minn fejn jinsabu jew fejn tinsab id-*data*. Titlesta l-Infrastruttura Ewropea ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa-e u tiġi estiża permezz ta' servizzi diġitali ġodda, tiġi appoġġata l-introduzzjoni ta' format ta' skambju Ewropew għar-rekords elettroniċi tas-saħħa.
- 2.2. Issir disponibbli data aħjar għar-riċerka, il-prevenzjoni tal-mard u l-kura u s-saħħa personalizzati; Jiġi żgurat li r-riċerkaturi tas-saħħa u prattikanti kliniċi Ewropej ikollhom aċċess għal skala meħtieġa ta' riżorsi (*data* kondiviża, għarfien espert u kapaċitajiet analitiċi) biex jinkisbu s-suċċessi rivoluzzjonarji f'mard ewlieni kif ukoll f'mard rari. Il-mira hija li jiġi żgurat koort ibbażat fuq il-popolazzjoni ta' mill-inqas 10 miljun ċittadin. Pass importanti jkun miljun ta' sekwenza tal-ġenoma sal-2022.
- 2.3. Isiru disponibbli għodod diġitali għat-tisħiħ tas-setgħat taċ-ċittadini u għall-kura ċċentrata fuq il-persuna billi jiġi appoġġat l-iskambju tal-aħjar prattiki u innovattivi fis-saħħa diġitali, il-bini tal-kapaċità u l-assistenza teknika, b'mod partikolari għaċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali u HPC.
3. *Il-ġudikatura*: Ikun hemm komunikazzjoni elettronika bla xkiel u sigura bejn il-fruntieri fi ħdan il-ġudikatura u bejn il-ġudikatura u korpi oħra kompetenti oħra fil-qasam tal-ġustizzja ċivili u kriminali. Jitjeb l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ġustizzja u informazzjoni ġuridika u l-proċeduri għaċ-ċittadini, in-negozji, il-prattikanti ġuridiċi u l-membri tal-ġudikatura b'interkonnessionijiet semantikament interoperabbli mal-bażijiet tad-*data* u r-reġistri nazzjonali kif ukoll l-iffaċilitar ta' soluzzjoni tat-tilwim straġudizzjarja online. Jiġu promossi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għall-qrati u l-prattikanti legali bbażati fuq soluzzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li probabbilment jissimplifikaw u jħaffu l-proċeduri (pereżempju applikazzjonijiet "tekniċi ġuridiċi").
4. *It-trasport, l-enerġija u l-ambjent*: Jiġu skjerati soluzzjonijiet deċentralizzati u infrastrutturi meħtieġa għal applikazzjonijiet diġitali fuq skala kbira bħal bliet intelliġenti jew żoni rurali intelliġenti b'appoġġ għall-politiki tat-trasport, l-enerġija u l-ambjent.
5. *Edukazzjoni u kultura*: Jingħata aċċess lill-kreaturi u lill-industrija kreattiva fl-Ewropa għall-aħħar teknoloġiji diġitali mill-intelliġenza artifiċjali għall-computing avanzat. Jiġi sfruttat il-wirt kulturali Ewropew bħala vettur biex jippromwovi d-diversità kulturali, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza Ewropea. Jiġi appoġġat it-teħid ta' teknoloġiji diġitali fl-edukazzjoni.

L-attivitajiet kollha ta' hawn fuq jistgħu jkunu parzjalment sostnuti mill-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali permezz tal-istess kapaċitajiet żviluppati biex jgħinu lill-industrija tagħhom fit-trasformazzjoni diġitali tagħhom (ara l-punt II).

Barra minn hekk, se jiġi appoġġat sett ta' attivitajiet ta' appoġġ lis-Suq Uniku Diġitali li se jinkludi netwerk pan-Ewropew ta' Ċentri ta' Internet Aktar Sikur biex irawmu l-litteriżmu

¹ COM(2018) 233 final, dwar l-iffaċilitar tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura u tas-saħħa fis-Suq Uniku Diġitali; l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u l-bini ta' soċjetà aktar b'saħħitha;

diġitali u jżidu l-għarfien fost il-minorenni, il-ġenituri u l-għalliema dwar ir-riskji li l-minuri jistgħu jiltaqgħu magħhom online u l-mezzi sabiex jiproteġuhom, u biex jindirizzaw it-tixrid ta' materjal tal-abbuż sesswali tat-tfal online; miżuri mmirati lejn il-għlieda kontra t-tixrid intenzjonat ta' diżinformazzjoni; osservatorju tal-UE għall-ekonomija tal-pjattaforma diġitali kif ukoll għall-istudji u għall-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

II. L-attivitajiet inizjali relatati mad-diġitizzazzjoni tal-industrija:

1. Il-kontribut għall-espansjoni tal-infrastruttura u l-faċilitajiet ta' teknoloġija (tagħmir, softwer u għodod) tan-netwerk tal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali biex jiġi żgurat aċċess għall-kapaċitajiet diġitali lin-negozju, b'mod partikolari l-SMEs, f'kull reġjun fl-UE kollha. Dan b'mod partikolari jinkludi:
 - 1.1. Aċċess għall-ispazju ta' *Data* Komuni Ewropea u l-pjattaformi tal-intelliġenza artifiċjali u għall-faċilitajiet tal-HPC Ewropej għall-analiżi tad-data u għall-applikazzjonijiet intensivi tal-computing
 - 1.2. Aċċess għall-faċilitajiet ta' ttestjar tal-intelliġenza artifiċjali fuq skala kbira u għodod avvanzati taċ-ċibersigurtà
 - 1.3. Aċċess għall-ħiliet avvanzati
2. L-attivitajiet ser ikunu kkoordinati ma', u se jikkomplimentaw l-azzjonijiet ta' innovazzjoni f'teknoloġiji diġitali appoġġati b'mod partikolari taħt il-Programm Orizzont Ewropa kif ukoll investimenti fil-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali appoġġati taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Jistgħu jingħataw ukoll għotjiet għar-replikazzjoni tas-suq mill-Programm Ewropa Diġitali b'konformità mar-regoli ta' għajjnuna mill-Istat. Appoġġ għall-aċċess biex jiġu ffinanzjati aktar passi fit-trasformazzjoni diġitali tagħhom se jinkiseb bl-istrumenti finanzjarji li jagħmlu użu mill-iskema InvestEU.

ANNEX 2

Indikaturi tal-prestazzjoni

Objettiv speċifiku 1 - Il-computing ta' prestazzjoni għolja (HPC)

1.1 Għadd ta' infrastrutturi tal-HPC akkwistati b'mod konġunt

1.2 L-użu totali ta' kompjuters fuq skala eksa u skala posteksa u minn diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati (universitajiet, SMEs eċċ.)

Objettiv speċifiku 2 - L-intelliġenza artifiċjali

2.1 L-ammont totali ko-investit f'siti għall-esperimentazzjoni u l-ittestjar

2.2 L-għadd ta' kumpaniji u organizzazzjonijiet li jużaw l-intelliġenza artifiċjali

Objettiv speċifiku 3 - Iċ-ċibersigurtà u l-fiduċja

3.1 L-għadd ta' infrastrutturi taċ-ċibersigurtà u/jew għodod akkwistati b'mod konġunt.

3.2 L-għadd ta' utenti u ta' komunitajiet ta' utenti li qed jiksbu aċċess għall-faċilitajiet ta' ċibersigurtà Ewropej

Objettiv speċifiku 4 - Il-ħiliet diġitali avvanzati

4.1 L-għadd ta' nies speċjalizzati fl-ICT imħarrġa u qed jaħdmu

4.2 L-għadd ta' intrapriżi li jkollhom diffikultà biex jirreklutaw speċjalisti tal-ICT

Objettiv speċifiku 5 - L-iskjerament, l-aħjar użu tal-kapaċità diġitali u l-Interoperabilità

5.1 It-teħid tas-servizzi pubbliċi diġitali

5.2 L-intrapriżi b'punteġġ għoli ta' intensità diġitali

5.3 L-allinjament tal-Qafas Nazzjonali ta' Interoperabbiltà mal-Qafas Ewropew tal-Interoperabbiltà

ANNEX 3

Sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni

3. Is-sinerġiji ma' Orizzont Ewropa għandhom jiżguraw li:
- (a) Filwaqt li diversi oqsma tematiċi indirizzati mill-Ewropa Diġitali u minn Orizzont Ewropa jikkonverġu, it-tip ta' azzjonijiet li jridu jiġu appoġġati, l-outputs mistennija tagħhom u l-loġika ta' intervent tagħhom huma differenti u komplimentari;
 - (b) Orizzont Ewropa se jipprovdi appoġġ estensiv għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku, id-dimostrazzjoni, il-pilotaġġ, il-prova tal-kunċett, l-ittestjar l-innovazzjoni inkluż l-iskjerament prekummerċjali ta' teknoloġiji diġitali innovattivi, b'mod partikolari permezz ta' (i) baġit iddedikat fil-pilastru l-Isfidi Globali għat-“Teknoloġija diġitali u l-industrija” biex jiżviluppa teknoloġiji abilitanti (l-Intelliġenza Artifiċjali u r-Robotika, Internet tal-Ġenerazzjoni li jmiss, il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u l-Big Data, Teknoloġiji Diġitali Ewlenin, li jikkombinaw it-teknoloġiji diġitali ma' teknoloġiji oħra); (ii) appoġġ għall-Infrastrutturi elettroniċi taħt il-pilastru tax-Xjenza Miftuħa; (iii) l-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali fl-Isfidi Globali kollha (is-saħħa, is-sigurtà, l-enerġija u l-mobbiltà, il-klima, eċċ.); u (iv) l-appoġġ għall-espansjoni tal-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji taħt il-pilastru tal-Innovazzjoni Miftuħa (li ħafna minnhom se jgħaqqdu flimkien it-teknoloġiji diġitali u fiżiċi);
 - (c) L-Ewropa Diġitali se jinvesti fi (i) il-bini ta' kapaċità diġitali fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, l-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċibersigurtà u l-ħiliet diġitali avvanzati; u (ii) l-iskjerament nazzjonali u reġjonali fil-qafas tal-UE ta' kapaċitajiet diġitali u l-aħħar teknoloġiji diġitali f'oqsma ta' interess pubbliku (bħas-saħħa, l-amministrazzjoni pubblika, il-ġustizzja u l-edukazzjoni) jew il-falliment tas-suq (bħad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, b'mod partikolari intrapriżi żgħar u ta' daqs medju);
 - (d) Il-kapaċitajiet u l-infrastrutturi tal-Ewropa Diġitali jsiru disponibbli għall-komunità ta' riċerka u innovazzjoni li jinkludu l-attivitajiet appoġġati minn Orizzont Ewropa inklużi l-ittestjar, l-esperimentazzjoni u d-dimostrazzjoni fis-setturi u d-dixxiplini kollha;
 - (e) Billi l-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali ġodda jimmatura matul Orizzont Ewropa, dawn se jiġu akkwistati b'mod progressiv u użati mill-Ewropa Diġitali.
 - (f) L-inizjattivi ta' Orizzont Ewropa għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi fil-kurrikuli, inklużi dawk imwassla fiċ-ċentri ta' kolokazzjoni tal-KIC-Digital tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, jiġu kkomplimentati mill-bini tal-kapaċitajiet appoġġati mill-Ewropa Diġitali f'ħiliet diġitali avvanzati.
 - (g) Jiġu stabbiliti mekkaniżmi b'saħħithom ta' koordinazzjoni għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni filwaqt li jiġu allinjati l-proċeduri kollha għaż-żewġ programmi sa fejn ikun possibbli. L-istrutturi ta' governanza tagħhom se jinvolvi s-servizzi kkonċernati kollha tal-Kummissjoni.
4. Is-sinerġiji ma' programmi tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+),

il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), għandhom jiżguraw li:

- (a) Arranġamenti għal finanzjament komplimentari minn programmi tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża u l-Programm Ewropa Diġitali jintużaw biex jappoġġaw attivitajiet li jipprovdu pont bejn l-ispeċjalizzazzjonijiet intelliġenti u l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija Ewropea.
- (b) Il-FEŻR jikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-tiġid reġjonali u lokali ta' ekosistemi ta' innovazzjoni u trasformazzjoni industrijali. Dan jinkludi l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija u t-teħid tar-riżultati kif ukoll l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet innovattivi. Il-Programm Ewropa Diġitali se jikkomplimenta u jappoġġa n-netwerking transnazzjonali u l-immappjar tal-kapaċitajiet diġitali biex jagħmluhom aċċessibbli għall-SMEs u biex jagħmlu s-soluzzjonijiet interoperabbli tal-IT aċċessibbli għar-reġjuni kollha tal-UE.

5. Is-sinerġiji mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) għandhom jiżguraw li:

- (a) Id-DEP tal-futur jiffoka fuq il-bini tal-kapaċitajiet u l-infrastruttura diġitali fuq skala kbira tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, l-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċibersigurtà u l-ħiliet diġitali avvanzati li jimmiraw lejn it-teħid u l-iskjerament wesgħin fl-Ewropa kollha tas-soluzzjonijiet innovattivi kritiċi eżistenti jew ttestjati fil-qafas tal-UE f'oqsma ta' interess pubbliku jew falliment tas-suq. Id-DEP hu prinċipalment implimentat permezz ta' investimenti kkoordinati u strateġiċi mal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ta' akkwist pubbliku konġunt, f'kapaċitajiet diġitali biex jiġu kondiviżi fl-Ewropa kollha u f'azzjonijiet li jappoġġaw l-interoperabbiltà u l-istandardizzazzjoni bħala parti mill-iżvilupp ta' Suq Uniku Diġitali.
- (b) Il-kapaċitajiet u l-infrastrutturi tal-Ewropa Diġitali jsiru disponibbli għall-iskjerament ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi ġodda fil-qasam tal-mobbiltà u t-trasport. Is-CEF tappoġġa l-introduzzjoni u l-iskjerament ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi ġodda fil-qasam tal-mobbiltà u t-trasport.
- (c) Se jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni b'mod partikolari permezz ta' strutturi xierqa ta' governanza.

6. Is-sinerġiji mal-InvestEU għandhom jiżguraw li:

- (a) Appoġġ skont ir-Regolament tal-Fond InvestEU permezz ta' finanzjament ibbażat fis-suq, inkluż billi jiġu segwiti l-oġettivi ta' politika taħt dan il-Programm. Tali finanzjament ibbażat fuq is-suq jista' jiġi kkombinat ma' għotja ta' sostenn.
- (b) Aċċess għall-istrumenti finanzjarji mill-kumpaniji se tiġi ffaċilitata permezz tal-appoġġ iprovdut mill-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali.

7. Is-sinerġiji ma' Erasmus għandhom jiżguraw li:

- (a) Il-Programm se jappoġġa l-iżvilupp u l-akkwist ta' ħiliet diġitali avvanzati meħtieġa għall-iskjerament ta' teknoloġiji avvanzati, bħalma huma l-intelliġenza artifiċjali jew il-computing ta' prestazzjoni għolja, f'kooperazzjoni mal-industriji rilevanti.
- (b) Il-ħiliet avvanzati ta' parti mill-programm Erasmus se jikkomplimentaw l-interventi tal-Ewropa Diġitali li jindirizzaw il-kisba ta' ħiliet fl-oqsma kollha u fil-livelli kollha, permezz ta' esperjenzi ta' mobbiltà.